30 ta' Settembru 2019
104/2019

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA F'OTTUBRU 2019**

It-Tlieta, 1 ta' Ottubru, fid-9:00 a.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jiċċelebra Quddiesa fil-ftuħ tas-Sena Forensi, fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

L-Erbgħa 2 ta' Ottubru, fl-10:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa f'Jum l-Armata, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 12 ta' Ottubru, fl-4:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma lill-adolexxenti, fil-Knisja Parrokkjali ta' Marsaxlokk.

Il-Ħadd 13 ta' Ottubru, fil-11:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-okkażjoni tal-125 sena anniversarju tal-preżenza tas-sorijiet Agostinjani f'Malta, fis-sala tal-iskola Santa Monika, Birkirkara.

Il-Ġimgħa 25 ta' Ottubru, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li fiha jikkonsagra l-Knisja ż-Żgħira fil-Parroċċa ta' San Sebastjan, Ħal Qormi.

Is-Sibt 26 ta' Ottubru, fl-4:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma lill-adolexxenti, fil-Knisja Parrokkjali tal-Fgura.

Il-Ħadd 27 ta' Ottubru, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma lill-adolexxenti, fil-Knisja Parrokkjali tal-Kunċizzjoni, il-Ħamrun. Fl-4:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma lill-adolexxenti, fil-Knisja Parrokkjali tal-Fgura.

It-Tnejn 28 ta' Ottubru, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Festa ta' San Ġuda Taddew, fil-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**